# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**APPELL NUMRU 446/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettyr Fabian Fleri)**

**vs**

**Omissis**

**Clive Agius**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra OMISSIS u l-appellat Clive Agius detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 187685(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fit-18 t'Awissu 2012, ghall-habta tat-0300hrs:

1. Ikkommettew serq ta' diversi oġġetti fosthom pistola ta' l-għamla Beretta, minn ġewwa residenza 164, Flat 1, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-

valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2329.37, bil-lok u bil-ħin ghad-detriment ta' Joseph Camilleri u/jew persuna jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1164.69 għad-dannu ta' Joseph Camilleri u / jew persuna jew persuni oħra;

Lil *omissis* wahdu, ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija f'dawn il-Gżejjer:

3. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provisorja imposti fuqu mill-qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D) fis-07 ta' Novembru, 2001, cioe' li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, dan that garanzija personali, fost kundizzjonijiet ohra imposti fuqu mill-istess Qorti;

Lil **Clive Agius** wahdu ukoll talli fl-istess dati, hinijiet, u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, f'dawn il-Gzejjer:

4. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provisorja imposti fuqu mill-qorti talMagistrati (Malta) (Magistrat Dr. A. Mizzi L.L.D) ċioe' li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, dan taħt garanzija personali fost kundizzjonijiet oħra mposti fuqu mill-istess Qorti

Il-Qorti kienet mitluba titratta ma' **Clive Agius** bħala riċediv ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

liema sentenzi saru defenittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50, u 289 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23 A(2) tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta u sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta'esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-24 t'Ottubru 2017 fil-konfront ta' **Clive Agius** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha iddikjarat lil **Clive Agius** mhux hati w illiberatu;

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali fid-19 ta' Novembru 2017 li bih talab lil din il-Qorti **tħassar u tirrevoka** s-sentenza u minflok issib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontih u tinfliġġi piena skont il-Liġi.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukat Ġenerali.

Ikkonsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li fid-data u l-hin indikati supra l-Pulizija kienet mgħarrfa li kien hemm xi persuni li daħlu jisirqu ġewwa appartament ġo blokka li tinsab l-Imsida ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin. Il-Pulizija marru mal-ewwel fuq il-post u malli waslu

fuq il-post kien hemm xi persuna li indikatilhom li l-ħallelin kienu marru jiġru f'direzzjoni partikolari u cioe' lejn sqaq li hemm fl-akkwati. Il-Pulizija marru fid-direzzjoni indikata u gewwa bini li kien ghadu taht kostruzzjoni sabu lill-certu Giovanni Farrugia u lill-appellat. Fil-viċinanzi instabu bosta oġġetti li kienu nsterqu inklużi arloġġi u pistola kif ukoll ingwanta, żewġ torches, parrokka u fit-triq instabet beritta. L-oġġetti kienu nsterqu minn 164 Flat 1 Triq il-Wied tal-Imsida, Imsida li fih jirrisjedi Joseph Camilleri li f'dak il-ħin kien jinsab Għawdex, li għaraf l-oġġetti bhala tiegħu;

2. Illi mill-provi mressqa, l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma kien hemm xejn li jorbot lill-appellat Clive Agius ma' din is-serqa. Mill-atti processwali ma tirrizulta ebda impronta tas-swaba jew palmeari jew xi prova ohra li setghet torbot lill-appellat ma' dan l-incident hlief beritta li minnha kienet elevata tracca ta' DNA li rrizultat taqbel ma' dak tal-appellat. Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat kemm tal-provi kif ukoll tal-kunċetti legali, partikolarment 'l-evidenza ċirkostanzjali.'

3. L-imputat Clive Agius xehed illi dakinhar kien cempillu l-ko-imputat minhabba xi kwistjoni li kellu ma' ibnu, li joqghod fl-istess blokka ta' appartamenti minn fejn saret is-serqa. Malli wasal hdejn il-ko-imputat dan qallu biex jibda jigri u t-tnejn flimkien grew sakemm instabu aktar tard gewwa fond ta' kostruzzjoni. Huwa nnega li kellu xi konnessjoni mas-serqa kif ukoll li dak il-hin kien libes beritta. Minn ezami approfondit tal- provi jemergi illi hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma ddeskriva li wiehed mill-allegati malviventi li kienu dahlu u hargu mill-fond kien

liebes beritta. Ghalhekk dawk ic-cirkostanzi li l-Avukat Generali elenka bhala provi indizzjari, jigifieri, li l-persuni telqu jigru minn fuq il-fond, li magenbhom instabu xi oggetti misruqa u ohrajn ma jistghux jitqiesu bhala provi li jippuntaw f'direzzjoni wahda fil-konfront tal-appellant. L-istess ma jistghax jinghad kwantu l-beritta izda din jehtieg li tkun prova soda, inekwivoka u b'sahhitha bizzejjed biex tinkrima;

1. Dwar in-natura tal-prova indizjarja l-Qrati taghna jabbraccjaw dik il-gurisprudenza li tqis li "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanuel Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but*

*that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".* ;

2. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabbret dawn il-hsibijiet kollha prattikament f'paragrafu wiehed bil-mod segwenti:

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* **l-assjem** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

4. Issa, kif palezament akkolt fil-gurisprudenza fl-interpretazzjoni tal-Kodici Kriminali, min jiggudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'haga wahda u ghaliex ma jkunx qal il-verita' fuq haga ma jfissirx li ma ghandux ikun emmnut fuq hwejjeg ohra. Jispetta lill-gudikant jemmen jew le lix-xhud f'haga u mhux f'ohra skond dak kif jipprezentaw ruhhom ic-cirkostanzi u l-assjem tal-provi l-ohra. Mghamula din l-osservazzjoni, huwa bil-wisq evidenti illi l-ewwel Qorti kienet konvinta li l-imputat kien qed jghid il-verita' meta nnega s-sehem tieghu fis-serqa u li n-negazzjoni tieghu li kien liebes beritta u li dik il-beritta misjuba kienet tieghu kienet gidba ghaliex kien jaf fejn ser twassal s-sejbien taghha bit-tracci tad-DNA tieghu fuqha ghal haga li, skond hu, dahal fiha bla htija meta baghat ghalih il-ko-imputat. Din il-Qorti ukoll ghandha *a lurking doubt* fuq is-sehem tal-imputat f'din is-serqa. Huwa inutili ghall-prosekuzzjoni meta tghid li l-girien ma xtaqux jixhdu minhabba l-biza konsistenti mill-fatt li iben il-ko-imputat jirrisjedi f'dak il-fond. Fl-istess waqt ix-xhieda li taw deskrizzjoni tal-allegati malviventi mkien ma ddeskrivew lil wiehed minnhom bhala liebes beritta u din il-prova ghalhekk hija fjakka wisq u ma jistghax jinghad li tipponta f'direzzjoni wahda;

5. Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettament waslet ghall-konkluzzjoni ta' nuqqas ta' htija;

6. Konsegwentement l-appell ta-Avukat Generali qed ikun michud;